Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0379(COD)

1.2.2024

EMENDI
73 - 134

Abbozz ta' rapport
Jonás Fernández
(PE757.977v01-00)

Emenda tar-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-ambitu tar-regoli għall-parametri referenzjarji, l-użu fl-Unjoni ta' parametri referenzjarji pprovduti minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz, u ċerti rekwiżiti ta' rapportar

Proposta għal regolament
(COM(2023)0660 – C9-0389/2023 – 2023/0379(COD))

Emenda 73
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Skont l-Artikolu 19d tar-Regolament (UE) 2016/1011, l-amministraturi ta' parametri referenzjarji sinifikanti huma meħtieġa jagħmlu ħilithom biex ***sal-1 ta' Jannar 2022*** jipprovdu Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi***. Peress li din id-data għaddiet, huwa xieraq li din id-dispożizzjoni titħassar***.	(4) Skont l-Artikolu 19d tar-Regolament (UE) 2016/1011, l-amministraturi ta' parametri referenzjarji sinifikanti huma meħtieġa jagħmlu ħilithom biex jipprovdu Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi ***f'tentattiv li jiġu stabbiliti standards minimi għall-parametri referenzjarji tal-klima***.

Or. en

Emenda 74
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) F'każijiet fejn amministratur jipprovdi kombinazzjoni ta' parametri referenzjarji, li l-ebda wieħed minnhom ma jaqbeż individwalment il-limitu ta' EUR 50 biljun iżda b'mod kumulattiv jinqabeż il-limitu ta' EUR 50 biljun, allura l-amministratur ta' dawn il-parametri referenzjarji mhux sinifikanti se jkun soġġett għall-istess obbligi bħall-parametri referenzjarji sinifikanti.

Or. en

Emenda 75
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-amministraturi ta' parametri referenzjarji ***jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex*** jimmonitorjaw l-użu fl-Unjoni tal-parametri referenzjarji li jipprovdu***. Għalhekk jenħtieġ li*** jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti kkonċernata jew lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), skont fejn jinsab dak l-amministratur, li l-użu aggregat ta' wieħed mill-parametri referenzjarji tagħhom qabeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 24(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/1011. Sabiex ***jiġi żgurat li l-amministraturi*** ta' ***parametri referenzjarji jkollhom biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti li japplikaw għal parametri referenzjarji sinifikanti, jenħtieġ li jkunu soġġetti biss għal*** dawk ***ir-rekwiżiti fi żmien 60 jum tax-xogħol wara li jkunu ppreżentaw tali notifika. Barra minn hekk***, ***jenħtieġ li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jew lill-ESMA, fuq talba, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jivvalutaw l-użu aggregat ta' dak il-parametru referenzjarju fl-Unjoni. Meta amministratur ta' parametru referenzjarju jonqos jew jirrifjuta li jinnotifika li l-użu ta' wieħed mill-parametri referenzjarji tiegħu jkun qabeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 24(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/1011, u meta l-awtoritajiet kompetenti jkollhom raġunijiet ċari u dimostrabbli biex iqisu li l-limitu jkun inqabeż, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jew l-ESMA, kif xieraq, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddikjaraw li l-limitu jkun inqabeż, wara li l-ewwel ikunu taw lill-amministratur l-opportunità li jinstema'. Tali dikjarazzjoni jenħtieġ li tiskatta l-istess obbligi għall-amministratur tal-parametru referenzjarju bħal notifika mill-**	(6) L-amministraturi ta' parametri referenzjarji ***jenħtieġ li*** jimmonitorjaw l-użu fl-Unjoni tal-parametri referenzjarji li jipprovdu ***u*** jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti kkonċernata jew lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), skont fejn jinsab dak l-amministratur, li l-użu aggregat ta' wieħed mill-parametri referenzjarji tagħhom qabeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 24(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/1011. Sabiex ***tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti*** ta' dawk ***il-limiti***, ***l-ESMA jenħtieġ*** li ***tiżviluppa abbozzi*** ta' ***standards tekniċi regolatorji*** biex ***tispeċifika aktar il-metodu ta' kalkolu***.

amministratur tal-parametru referenzjarju. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-ESMA jew tal-awtoritajiet kompetenti li jimponu sanzjonijiet amministrattivi fuq dawk l-amministraturi li jonqsu milli jinnotifikaw li wieħed mill-parametri referenzjarji tagħhom ikun qabeż il-limitu applikabbli.

Or. en

Emenda 76
Markus Ferber, Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali, jista' jkun hemm parametri referenzjarji b'użu aggregat taħt il-limitu stabbilit fl-Artikolu 24(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/1011 li, minħabba s-sitwazzjoni speċifika fis-suq ta' Stat Membru, madankollu, huma ta' tali importanza għal dak l-Istat Membru li kwalunkwe nuqqas ta' affidabbiltà jkun ta' impatt komparabbli bħal dak ta' parametru referenzjarju li l-użu tiegħu jaqbeż dak il-limitu. Minħabba dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru tkun tista' tiddeżinja tali parametru referenzjarju, meta dak il-parametru referenzjarju jiġi pprovdut minn amministratur tal-UE, bħala sinifikanti abbażi ta' sett ta' kriterji kwalitattivi. Għall-parametri referenzjarji pprovduti minn amministratur mhux tal-UE, jenħtieġ li tkun l-ESMA li, fuq talba ta' awtorità kompetenti waħda jew aktar, tiddiżinja tali parametru referenzjarju bħala parametru referenzjarju sinifikanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 77
Markus Ferber, Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-koordinazzjoni tad-dežinjazzjonijiet nazzjonali tal-parametri referenzjarji bħala parametri referenzjarji sinifikanti, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti li jkollhom il-ħsieb li jaħtru parametru referenzjarju bħala sinifikanti jikkonsultaw lill-ESMA. Minħabba l-istess raġuni, awtorità kompetenti ta' Stat Membru li jkollha l-ħsieb li tiddežinja bħala sinifikanti parametru referenzjarju li jiġi pprovdut minn amministratur li jkun jinsab fi Stat Membru ieħor jenħtieġ li tikkonsulta wkoll lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. Meta l-awtoritajiet kompetenti ma jaqblux bejniethom dwar min jenħtieġ li jiddežinja u jissorvelja parametru referenzjarju, l-ESMA jenħtieġ li ssolvi dak in-nuqqas ta' qbil f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].	***imħassar***

[5]Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

Or. en

Emenda 78
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi huma kategoriji speċifiċi ta' parametri referenzjarji, definiti mill-konformità tagħhom ma' regoli li jirregolaw il-metodoloġija tagħhom u ***d-divulgazzjonijiet*** li għandu jagħmel l-amministratur tagħhom. Minħabba dik ir-raġuni, u biex jiġu pprevenuti asserzjonijiet li jistgħu jwasslu lill-utenti biex jaħsbu li tali parametri referenzjarji huma konformi mal-istandards marbuta ma' dawk it-tikketti, huwa meħtieġ li dawk il-parametri referenzjarji jiġu soġġetti għal reġistrazzjoni jew ***awtorizzazzjoni obbligatorja***, kif xieraq, u għal superviżjoni.	(12) Il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi huma kategoriji speċifiċi ta' parametri referenzjarji, definiti mill-konformità tagħhom ma' regoli li jirregolaw il-metodoloġija tagħhom u ***r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni*** li għandu jagħmel l-amministratur tagħhom. Minħabba dik ir-raġuni, u biex jiġu pprevenuti asserzjonijiet li jistgħu jwasslu lill-utenti biex jaħsbu li tali parametri referenzjarji huma konformi mal-istandards marbuta ma' dawk it-tikketti, huwa meħtieġ li dawk il-parametri referenzjarji jiġu soġġetti għal reġistrazzjoni***,*** ***awtorizzazzjoni*** jew ***rikonoxximent obbligatorji***, kif xieraq, u għal superviżjoni.

Or. en

Emenda 79
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi huma kategoriji speċifiċi ta' parametri referenzjarji, definiti mill-konformità tagħhom ma' regoli li jirregolaw il-metodoloġija tagħhom u ***d-divulgazzjonijiet li għandu jagħmel l-amministratur*** tagħhom. Minħabba dik ir-raġuni, u biex jiġu pprevenuti asserzjonijiet li jistgħu jwasslu lill-utenti biex jaħsbu li	(12) Il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi huma kategoriji speċifiċi ta' parametri referenzjarji, definiti mill-konformità tagħhom ma' regoli li jirregolaw il-metodoloġija tagħhom u ***r-rekwiżiti ta' divulgazzjonijiet tal-amministraturi*** tagħhom. Minħabba dik ir-raġuni, u biex jiġu pprevenuti asserzjonijiet li jistgħu jwasslu lill-utenti biex jaħsbu li

tali parametri referenzjarji huma konformi mal-istandards marbuta ma' dawk it-tikketti, huwa meħtieġ li dawk il-parametri referenzjarji jiġu soġġetti għal reġistrazzjoni jew ***awtorizzazzjoni obbligatorja***, kif xieraq, u għal superviżjoni.	tali parametri referenzjarji huma konformi mal-istandards marbuta ma' dawk it-tikketti, huwa meħtieġ li dawk il-parametri referenzjarji jiġu soġġetti għal reġistrazzjoni***, awtorizzazzjoni, rikonoxximent*** jew ***approvazzjoni obbligatorji***, kif xieraq, u għal superviżjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-biċċa l-kbira tal-parametri referenzjarji tal-klima huma pprovduti minn amministraturi mhux tal-UE. It-tikketti ESG tal-UE għandhom ukoll ikunu aċċessibbli għal amministraturi rikonoxxuti jew approvati ta' pajjiżi terzi, dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-BMR kollha tat-tikketta ESG.

Emenda 80
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) It-trattament regolatorju tal-parametri referenzjarji tal-komoditajiet jenħtieġ li jitfassal skont il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom. Il-parametri referenzjarji tal-komoditajiet soġġetti għar-regoli ġenerali għall-parametri referenzjarji finanzjarji jenħtieġ li jirċievu trattament identiku għal parametri referenzjarji finanzjarji oħra u jenħtieġ li jkunu koperti mir-Regolament (UE) 2016/1011 biss jekk ikunu parametri referenzjarji sinifikanti jew ta' importanza kritika u ma jkunux ġew eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-parametri referenzjarji tal-komoditajiet soġġetti għar-reġim speċifiku fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1011 jenħtieġ li dejjem ikunu koperti minn dak ir-Regolament peress li hemm inqas salvagwardji biex tiġi żgurata r-robustezza

tal-metodi tal-ġbir ta' data għall-parametri referenzjarji u għall-produzzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 81
Markus Ferber, Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex jiġi żgurat il-bidu f'waqtu tas-superviżjoni ta' parametri referenzjarji sinifikanti, jenħtieġ li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji li jkunu saru sinifikanti ***jew*** billi jilħqu l-limitu kwantitattiv applikabbli ***jew permezz ta' deżinjazzjoni***, jintalbu jfittxu, fi żmien 60 jum tax-xogħol, awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni jew, fil-każ ta' parametri referenzjarji pprovduti minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz, approvazzjoni jew rikonoxximent.	(13) Sabiex jiġi żgurat il-bidu f'waqtu tas-superviżjoni ta' parametri referenzjarji sinifikanti, jenħtieġ li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji li jkunu saru sinifikanti billi jilħqu l-limitu kwantitattiv applikabbli, jintalbu jfittxu, fi żmien 60 jum tax-xogħol, awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni jew, fil-każ ta' parametri referenzjarji pprovduti minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz, approvazzjoni jew rikonoxximent.

Or. en

Emenda 82
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(20a) Ir-Regolament (UE) 2019/2089 introduċa regoli fir-rigward tat-trasparenza tal-parametri referenzjarji li, fil-kummerċjalizzazzjoni tagħhom tal-komunikazzjoni legali, jiddikjaraw li qed iqisu l-fatturi ambjentali, soċjali jew ta' governanza (ESG) fit-tfassil tagħhom. Sabiex jinżamm livell għoli ta'**

trasparenza fir-rigward tal-asserzjonijiet relatati mal-ESG u livell adegwat ta' protezzjoni għall-utenti, huwa meħtieġ li l-utenti ta' parametri referenzjarji li jagħmlu asserzjonijiet relatati mal-ESG jintalbu ma jużawx tali parametri referenzjarji meta ma jingħatawx l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13(1), il-punt d, u l-Artikolu 27(2a) tar-Regolament (UE) 2016/1011 u li din l-informazzjoni dwar id-divulgazzjoni ma tkunx allinjata mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2019/2088. Dan jenħtieġ li japplika għall-użu ta' kwalunkwe parametru referenzjarju li jiddikjara li jqis il-fatturi ESG fit-tfassil tiegħu, irrispettivament minn jekk tali parametru referenzjarju huwiex amministrat fl-Unjoni jew f'pajjiż terz.

Or. en

Emenda 83
Dorien Rookmaker

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għar-regoli introdotti skont dan ir-Regolament ***u biex jiġi evitat*** li ***l-amministraturi jkollhom jgħaddu minn proċedura għar-reġistrazzjoni*** jew ***għall-awtorizzazzjoni aktar minn darba, l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA*** jenħtieġ li ***jippruvdu proċeduri ta' applikazzjoni inqas oneruż għall-amministraturi li diġà huma*** awtorizzati, ***irreġistrati***, approvati jew ***rikonoxxuti u*** li japplikaw ***għal awtorizzazzjoni***, ***reġistrazzjoni, approvazzjoni jew rikonoxximent ġdid fi żmien sentejn mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju***.	(21) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għar-regoli introdotti skont dan ir-Regolament***, l-amministraturi*** li ***kienu rreġistrati, awtorizzati, rikonoxxuti, approvati qabel*** jew ***ekwivalenti skont ir-Regolament (UE) 2016/1011*** jenħtieġ li ***jkomplu jiġu rreġistrati,*** awtorizzati, ***rikonoxxuti***, approvati jew ***ekwivalenti mingħajr il-ħtieġa*** li japplikaw ***mill-ġdid***, ***sal-punt li huma jamministraw kwalunkwe parametru referenzjarju fil-kamp ta' applikazzjoni jew volontarjament jagħżlu li jipparteċipaw f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 84
Dorien Rookmaker

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 2 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. It-Titoli II, III, IV u VI .japplikaw biss fir-rigward ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika, parametri referenzjarji sinifikanti, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE ***u*** Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi.;	1a. It-Titoli II, III, ***bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 23a sa 23d,*** IV u VI. japplikaw biss fir-rigward ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika, parametri referenzjarji sinifikanti, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE***,*** Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi ***u Parametri Referenzjarji tal-ESG. It-Titolu III, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 23a sa 23d, u t-Titoli IV u VI japplikaw għall-parametri referenzjarji tal-komoditajiet soġġetti għall-Anness II***.;

Or. en

Emenda 85
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 2 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. It-Titoli II, III, IV u VI **.**japplikaw biss fir-rigward ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika, parametri referenzjarji sinifikanti, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi**.**;	1a. It-Titoli II, III, ***bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 23a sa 23c,*** IV u VI japplikaw biss fir-rigward ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika, parametri referenzjarji sinifikanti, parametri referenzjarji ***tal-komoditajiet soġġetti għall-Anness II, Parametri Referenzjarji*** tat-Tranżizzjoni

Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi;

Or. en

Emenda 86
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punti (g) u (i)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-paragrafu 2, jitħassru l-punti (g) u (i);	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjoni tal-parametri referenzjarji tal-komoditajiet żgħar għandha tinżamm.

Emenda 87
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jiżdied il-punt (23ca):
	(23ca) "Parametru referenzjarju tal-ESG" tfisser parametru referenzjarju li jsegwi l-objettivi ESG konsistenti mar-Regolament (UE) 2019/2088.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-divulgazzjonijiet tal-parametri referenzjarji tal-ESG iridu jkunu allinjati mad-

divulgazzjonijiet regolatorji tal-UE għall-prodotti finanzjarji (SFDR).

Emenda 88
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jitħassar*** il-paragrafu 4;	(b) il-paragrafu 4 ***huwa sostitwit b'dan li ġej***;
	4. L-ESMA għandha tiżviluppa:
	(a) standards tekniċi regolatorji biex jiġu allinjati d-divulgazzjonijiet ESG fil-livell tal-parametri referenzjarji, li għandhom jiġu ppubblikati mill-amministratur tal-parametru referenzjarju, mar-rekwiżiti ta' divulgazzjonijiet regolatorji skont ir-Regolament (UE) 2019/2088 u r-regolamenti delegati tiegħu.
	L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' April 2025.
	Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;
	(b) linji gwida rigward l-ismijiet tal-parametri referenzjarji allinjati ma' dawk għall-ismijiet tal-fondi, filwaqt li tingħata prijorità lill-parametri referenzjarji sottostanti għall-ETFs u għall-fondi tal-indiċi, sa [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju];

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-allinjament tad-divulgazzjonijiet ESG obbligatorji tal-Parametri Referenzjarji tal-ESG mad-divulgazzjonijiet regolatorji tal-UE għall-prodotti finanzjarji (SFDR) u bejn ir-rekwiżiti tal-ismijiet tal-Parametri Referenzjarji mar-rekwiżiti tal-ismijiet tal-fondi, speċjalment għall-ETFs (li l-ismijiet tagħhom jirreplikaw dawk tal-indiċijiet sottostanti tagħhom) (UCITSD u AIFMD) huwa essenzjali.

Emenda 89
Erik Poulsen, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(7a) l-Artikolu 18, it-tieni subparagrafu, huwa emendat kif ġej:
L-Artikoli 24, 25 ***u 26*** ma ***għandhomx japplikaw*** għall-forniment ***ta', u l-kontribuzzjoni għal, parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax***.	***"L-Artikolu*** 25 ma ***għandux japplika*** għall-forniment ***tal-parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax u l-kontribut għalihom***. ***"***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02016R1011-20240109)

Ġustifikazzjoni

This amendment introduces a change to article 18 in the current BMR. The aim of the amendment is to allow interest rate benchmarks to be defined as "significant", thus fall within the revised BMR scope through the general 50 bn euro threshold and qualitative designation criteria laid down in article 24 for significant benchmarks. Otherwise, interest rate benchmarks would need to exceed a much higher threshold before being included in the scope and being super-vised than all other types of benchmarks. Specifically, they would need to fulfil the criteria for being "critical", which very few benchmarks are, and which entails greater burdens, a more cumbersome designation and could pose issues as regards ensuring a level-playing field towards third countries. Such a situation would be illogical and undesirable given interest rate benchmarks play a key role in pricing financial assets, are used extensively by households and are often more vulnerable to manipulation than other benchmarks (e.g. LIBOR-scandal).

Emenda 90
Dorien Rookmaker

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(8a) fl-Artikolu 19(1), it-tieni subparagrafu huwa emendat kif ġej:
L-Artikoli 24***, 25*** u ***26*** ma għandhomx japplikaw għall-forniment tal-parametri referenzjarji tal-komoditajiet u l-kontribut għalihom.	***"L-Artikoli*** 24 u ***25*** ma għandhomx japplikaw għall-forniment tal-parametri referenzjarji tal-komoditajiet u l-kontribut għalihom.***"***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02016R1011-20240109)

Emenda 91
Dorien Rookmaker

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 19a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) fl-Artikolu 19a, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:	***imħassar***
"	
4. L-amministraturi li ma humiex awtorizzati jew irreġistrati skont l-Artikolu 34 ma għandhomx:	
(a) jipprovdu Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi;	
(b) jindikaw jew jissuġġerixxu, f'isem il-parametri referenzjarji li jagħmlu disponibbli għall-użu fl-Unjoni jew fid-dokumentazzjoni legali jew tal-kummerċjalizzazzjoni għal dawk il-	

parametri referenzjarji, li l-parametri referenzjarji li jagħmlu disponibbli jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli għall-forniment ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew ta' Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi.;

"

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-investituri tal-UE għandhom ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-indiċijiet bit-tikketta ESG tal-UE offruti minn amministraturi barra mill-UE, dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha skont ir-reġim ta' pajjiż terz tar-regolament dwar il-parametri referenzjarji. Il-ħtieġa li l-amministraturi tal-indiċijiet bit-tikketta ESG tal-UE jirrilokaw lejn l-UE tirriskja li jitnaqqas l-aċċess tal-investituri tal-UE għall-indiċijiet eżistenti essenzjali għall-proċessi tan-negozju tagħhom u għal prodotti ġodda u innovattivi potenzjali.

Emenda 92
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 19a – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-amministraturi li ma humiex awtorizzati jew ***irreġistrati*** skont l-Artikolu ***34*** ma għandhomx:	4. L-amministraturi li ma humiex awtorizzati ***skont l-Artikolu 34,*** jew ***rikonoxxuti*** skont l-Artikolu ***32*** ma għandhomx:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-amministraturi ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti biss għandhom ikunu jistgħu jipprovdu parametri referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u parametri referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi, minbarra l-amministraturi tal-UE. Dan se jiżgura li l-amministraturi kollha li jitħallew jipprovdu dawn it-tikketti tal-UE jkunu soġġetti għal superviżjoni diretta mill-ESMA.

Emenda 93
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 19a – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-amministraturi li ma humiex ***awtorizzati jew irreġistrati*** skont l-Artikolu ***34*** ma għandhomx:	4. L-amministraturi li ma humiex ***inklużi fir-reġistru tal-ESMA*** skont l-Artikolu ***36*** ma għandhomx:

Or. en

Emenda 94
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 19a – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-amministraturi li ma humiex ***awtorizzati jew irreġistrati skont l-Artikolu 34*** ma għandhomx:	4. L-amministraturi li ma humiex ***inklużi fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 36*** ma għandhomx:

Or. en

Emenda 95
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 19a – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-amministraturi li ma humiex ***awtorizzati jew irreġistrati skont l-Artikolu 34*** ma għandhomx:	4. L-amministraturi li ma humiex ***inklużi fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 36*** ma għandhomx:

Or. en

Emenda 96
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 19a – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdu Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi;	(a) jipprovdu ***jew japprovaw*** Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi;

Or. en

Emenda 97
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 19a – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdu Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 98
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 19a – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdu Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 99
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 19d

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(10a) l-Artikolu 19d huwa emendat kif ġej:
Artikolu 19d	***"Artikolu*** 19d
Sforz sabiex jiġu pprovduti Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE	Sforz sabiex jiġu pprovduti Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE ***u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi***
Sal-1 ta' Jannar 2022, l-amministraturi li jinsabu fl-Unjoni u li jipprovdu parametri referenzjarji sinifikanti determinati abbażi tal-valur ta' assi sottostanti wieħed jew aktar għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu, wieħed jew aktar, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE.	L-amministraturi li jinsabu fl-Unjoni u li jipprovdu parametri referenzjarji sinifikanti determinati abbażi tal-valur ta' assi sottostanti wieħed jew aktar għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu, wieħed jew aktar, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE ***u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi***. ***"***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02016R1011-20240109)

Emenda 100
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2016/1011
Artikolu 19da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 19da
	Titolu għall-Artikolu hawnhekk
	1. L-amministraturi li ma humiex awtorizzati jew irreġistrati skont l-Artikolu 34, jew rikonoxxuti skont l-Artikolu 32 ma għandhomx:
	(a) jipprovdu jew japprovaw Parametri Referenzjarji tal-ESG; jew
	(b) jindikaw jew jissuġġerixxu, f'isem il-parametri referenzjarji li jagħmlu disponibbli għall-użu fl-Unjoni jew fid-dokumentazzjoni legali jew tal-kummerċjalizzazzjoni għal dawk il-parametri referenzjarji, li l-parametri referenzjarji li jagħmlu disponibbli jsegwu l-objettivi ESG jew iqisu l-fatturi ESG.
	2. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika standards komuni dwar l-ismijiet ta' Parametri Referenzjarji tal-ESG konsistenti mar-Regolament (UE) 2019/2088, u d-Direttivi 2011/61/UE u 2009/65/KE.
	L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
	Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010."

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-allinjament tad-divulgazzjonijiet ESG obbligatorji tal-Parametri Referenzjarji tal-ESG mad-divulgazzjonijiet regolatorji tal-UE għall-prodotti finanzjarji (SFDR) u bejn ir-rekwiżiti tal-ismijiet tal-Parametri Referenzjarji mar-rekwiżiti tal-ismijiet tal-fondi, speċjalment għall-ETFs (li l-ismijiet tagħhom jirreplikaw dawk tal-indiċijiet sottostanti tagħhom) (UCITSD u AIFMD) huwa essenzjali.

Emenda 101
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-parametru referenzjarju jintuża direttament jew indirettament f'kombinazzjoni ta' parametri referenzjarji fl-Unjoni bħala referenza għal strumenti finanzjarji jew kuntratti finanzjarji jew għall-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment, li jkollhom valur medju totali ta' mill-inqas EUR ***50*** biljun abbażi tal-firxa kollha ta' maturitajiet jew termini tal-parametru referenzjarju, meta jkun applikabbli, fuq perjodu ta' 6 xhur;	(a) il-parametru referenzjarju jintuża direttament jew indirettament f'kombinazzjoni ta' parametri referenzjarji fl-Unjoni bħala referenza għal strumenti finanzjarji jew kuntratti finanzjarji jew għall-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment, li jkollhom valur medju totali ta' mill-inqas EUR ***75*** biljun abbażi tal-firxa kollha ta' maturitajiet jew termini tal-parametru referenzjarju, meta jkun applikabbli, fuq perjodu ta' 6 xhur;

Or. en

Emenda 102
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-parametru referenzjarju jintuża direttament jew indirettament f'kombinazzjoni ta' parametri referenzjarji	(a) il-parametru referenzjarju jintuża direttament jew indirettament f'kombinazzjoni ta' parametri referenzjarji

fl-Unjoni bħala referenza għal strumenti finanzjarji jew kuntratti finanzjarji jew għall-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment, li jkollhom valur medju totali ta' mill-inqas EUR ***50*** biljun abbażi tal-firxa kollha ta' maturitajiet jew termini tal-parametru referenzjarju, meta jkun applikabbli, fuq perjodu ta' 6 xhur;	fl-Unjoni bħala referenza għal strumenti finanzjarji jew kuntratti finanzjarji jew għall-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment, li jkollhom valur medju totali ta' mill-inqas EUR ***60*** biljun abbażi tal-firxa kollha ta' maturitajiet jew termini tal-parametru referenzjarju, meta jkun applikabbli, fuq perjodu ta' 6 xhur;

Or. en

Emenda 103
Markus Ferber, Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-parametru referenzjarju jiġi ddiżinjat bħala sinifikanti f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 3, 4 u 5 jew il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 6.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-regolament, id-determinazzjoni ta' jekk parametru referenzjarju huwiex sinifikanti għandha tkun ibbażata biss fuq kriterji kwantitattivi.

Emenda 104
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-volum aggregat tal-parametri referenzjarji mhux sinifikanti pprovduti minn amministratur wieħed, li jintuża direttament jew indirettament f'kombinazzjoni ta' parametri referenzjarji għal strumenti finanzjarji jew kuntratti finanzjarji jew għall-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment, b'valur medju totali ta' mill-inqas EUR 50 biljun abbażi tal-firxa kollha ta' maturitajiet jew termini tal-parametru referenzjarju, meta jkun applikabbli, fuq perjodu ta' 6 xhur, huwa soġġett għall-istess obbligi bħall-parametri referenzjarji sinifikanti.

Or. en

Emenda 105
Markus Ferber, Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Awtorità kompetenti tista', wara li tkun ikkonsultat lill-ESMA f'konformità mal-paragrafu 4 u filwaqt li tqis il-parir tagħha, tiddeżinja parametru referenzjarju pprovdut minn amministratur li jinsab fl-Unjoni li ma jissodisfax il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (a), bħala sinifikanti meta dak il-parametru referenzjarju jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	***imħassar***
(a) il-parametru referenzjarju ma għandu l-ebda sostitut jew ftit li xejn sostituti xierqa mmexxija mis-suq;	
(b) fil-każ li l-parametru referenzjarju ma jibqax jiġi pprovdut, jew jiġi pprovdut	

abbażi ta' data tal-input li ma tibqax rappreżentattiva b'mod sħiħ tas-suq jew tar-realtà ekonomika sottostanti jew abbażi ta' data tal-input mhux affidabbli, ikun hemm impatti sinifikanti u avversi fuq l-integrità tas-suq, l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali, jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi u negozji fi Stat Membru wieħed jew aktar;

(c) il-parametru referenzjarju ma jkunx ġie ddiżinjat minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor.

Meta awtorità kompetenti tikkonkludi li parametru referenzjarju jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti għandha tħejji abbozz ta' deċiżjoni biex il-parametru referenzjarju jiġi ddiżinjat bħala sinifikanti u tinnotifika dak l-abbozz ta' deċiżjoni lill-amministratur ikkonċernat u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-amministratur, meta dan ikun rilevanti. L-awtorità kompetenti kkonċernata għandha tikkonsulta wkoll lill-ESMA dwar l-abbozz ta' deċiżjoni.

L-amministraturi kkonċernati u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-amministratur għandu jkollhom 15-il jum tax-xogħol mid-data tan-notifika tal-abbozz tad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti dežinjanti kkonċernata biex jipprovdu osservazzjonijiet u kummenti bil-miktub. L-awtorità kompetenti dežinjanti kkonċernata għandha tinforma lill-ESMA dwar l-osservazzjonijiet u l-kummenti li tirċievi u għandha tikkunsidra kif xieraq dawk l-osservazzjonijiet u l-kummenti qabel ma tadotta deċiżjoni finali.

L-awtorità kompetenti dežinjanti għandha tinnotifika lill-ESMA bid-deċiżjoni tagħha, u tippubblika d-deċiżjoni, inklużi r-raġunijiet li għalihom tkun ittieħdet u l-konsegwenzi ta' din id-dežinjazzjoni, fuq is-sit web tagħha mingħajr dewmien żejjed.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-regolament, id-determinazzjoni ta' jekk parametru referenzjarju huwiex sinifikanti għandha tkun ibbażata biss fuq kriterji kwantitattivi.

Emenda 106
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-każ li l-parametru referenzjarju ma jibqax jiġi pprovdut, jew jiġi pprovdut abbażi ta' data tal-input li ma tibqax rappreżentattiva b'mod sħiħ tas-suq jew tar-realtà ekonomika sottostanti jew abbażi ta' data tal-input mhux affidabbli, ikun hemm impatti sinifikanti u avversi fuq ***l-integrità tas-suq,*** l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali, jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi u negozji ***fi Stat Membru wieħed jew aktar***;	(b) fil-każ li l-parametru referenzjarju ma jibqax jiġi pprovdut, jew jiġi pprovdut abbażi ta' data tal-input li ma tibqax rappreżentattiva b'mod sħiħ tas-suq jew tar-realtà ekonomika sottostanti jew abbażi ta' data tal-input mhux affidabbli, ikun hemm impatti sinifikanti u avversi fuq l-istabbiltà finanzjarja ***fl-Unjoni***, il-konsumaturi, l-ekonomija reali, jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi u negozji ***fl-Unjoni***;

Or. en

Emenda 107
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-amministraturi kkonċernati u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-amministratur għandu jkollhom ***15-il***	L-amministraturi kkonċernati u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-amministratur għandu jkollhom ***30*** jum

jum tax-xogħol mid-data tan-notifika tal-abbozz tad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti dežinjanti kkonċernata biex jipprovdu osservazzjonijiet u kummenti bil-miktub. L-awtorità kompetenti dežinjanti kkonċernata għandha tinforma lill-ESMA dwar l-osservazzjonijiet u l-kummenti li tirċievi u għandha tikkunsidra kif xieraq dawk l-osservazzjonijiet u l-kummenti qabel ma tadotta deċiżjoni finali.	tax-xogħol mid-data tan-notifika tal-abbozz tad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti dežinjanti kkonċernata biex jipprovdu osservazzjonijiet u kummenti bil-miktub. L-awtorità kompetenti dežinjanti kkonċernata għandha tinforma lill-ESMA dwar l-osservazzjonijiet u l-kummenti li tirċievi u għandha tikkunsidra kif xieraq dawk l-osservazzjonijiet u l-kummenti qabel ma tadotta deċiżjoni finali.

Or. en

Emenda 108
Markus Ferber, Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta tiġi kkonsultata minn awtorità kompetenti dwar id-dežinjazzjoni maħsuba ta' parametru referenzjarju bħala sinifikanti f'konformità mal-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandha, fi żmien 3 xhur, toħroġ parir li jqis il-fatturi li ġejjin, fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tal-parametru referenzjarju kkonċernat:	***imħassar***
(a) jekk l-awtorità kompetenti ta' konsultazzjoni tkunx issostanzjat biżżejjed il-valutazzjoni tagħha li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huma ssodisfati;	
(b) jekk, fil-każ li l-parametru referenzjarju ma jibqax jiġi pprovdut, jew jiġi pprovdut abbażi ta' data tal-input li ma tibqax rappreżentattiva b'mod sħiħ tas-suq jew tar-realtà ekonomika sottostanti jew li ma tkunx affidabbli, ikunx hemm impatti sinifikanti u avversi fuq l-integrità tas-suq, l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija	

reali, jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi u negozji fi Stati Membri għajr l-Istat Membru tal-awtorità kompetenti ta' konsultazzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-ESMA għandha tqis, meta rilevanti, l-informazzjoni pprovduta mill-awtorità ta' konsultazzjoni skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-regolament, id-determinazzjoni ta' jekk parametru referenzjarju huwiex sinifikanti għandha tkun ibbażata biss fuq kriterji kwantitattivi.

Emenda 109
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jekk, fil-każ li l-parametru referenzjarju ma jibqax jiġi pprovdut, jew jiġi pprovdut abbażi ta' data tal-input li ma tibqax rappreżentattiva b'mod sħiħ tas-suq jew tar-realtà ekonomika sottostanti jew li ma tkunx affidabbli, ikunx hemm impatti sinifikanti u avversi fuq ***l-integrità tas-suq,*** l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali, jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi u negozji ***fi Stati Membri*** għajr l-Istat Membru tal-awtorità kompetenti ta' konsultazzjoni.	(b) jekk, fil-każ li l-parametru referenzjarju ma jibqax jiġi pprovdut, jew jiġi pprovdut abbażi ta' data tal-input li ma tibqax rappreżentattiva b'mod sħiħ tas-suq jew tar-realtà ekonomika sottostanti jew li ma tkunx affidabbli, ikunx hemm impatti sinifikanti u avversi fuq l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali, jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi u negozji ***fl-Unjoni*** għajr l-Istat Membru tal-awtorità kompetenti ta' konsultazzjoni.

Or. en

Emenda 110
Markus Ferber, Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta l-ESMA ssib li parametru referenzjarju jissodisfa l-kundizzjonijiet skont il-paragrafu 3, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) sa (c), f'aktar minn Stat Membru wieħed, hija għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati b'dan. Dawn għandhom jaqblu dwar min minnhom jiddeżinja l-parametru referenzjarju kkonċernat bħala parametru referenzjarju sinifikanti.	***imħassar***
Meta l-awtoritajiet kompetenti ma jaqblux dwar il-kwistjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, huma għandhom jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA, l-ESMA għandha ssolvi dak in-nuqqas ta' qbil f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-regolament, id-determinazzjoni ta' jekk parametru referenzjarju huwiex sinifikanti għandha tkun ibbażata biss fuq kriterji kwantitattivi.

Emenda 111
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta l-ESMA ssib li parametru referenzjarju jissodisfa l-kundizzjonijiet	5. Meta l-ESMA ssib li parametru referenzjarju jissodisfa l-kundizzjonijiet

skont il-paragrafu 3, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) sa (c), ***f'aktar minn Stat Membru wieħed***, hija għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati b'dan. Dawn għandhom jaqblu dwar min minnhom jiddeżinja l-parametru referenzjarju kkonċernat bħala parametru referenzjarju sinifikanti.	skont il-paragrafu 3, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) sa (c), ***fl-Unjoni***, hija għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati b'dan. Dawn għandhom jaqblu dwar min minnhom jiddeżinja l-parametru referenzjarju kkonċernat bħala parametru referenzjarju sinifikanti.

Or. en

Emenda 112
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-awtoritajiet kompetenti ma jaqblux dwar il-kwistjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, huma għandhom jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA, l-ESMA għandha ssolvi dak in-nuqqas ta' qbil f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.	Meta l-awtoritajiet kompetenti ma jaqblux dwar il-kwistjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, huma għandhom jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA, u l-ESMA għandha ssolvi dak in-nuqqas ta' qbil ***bejn l-awtoritajiet kompetenti f'sitwazzjonijiet transfruntieri*** f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Emenda 113
Markus Ferber, Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-ESMA tista', fuq talba ta' awtorità kompetenti, tiddeżinja parametru referenzjarju pprovdut minn	***imħassar***

amministratur li jinsab f'pajjiż terz li ma jissodisfax il-limitu stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (a), bħala sinifikanti meta dak il-parametru referenzjarju jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-parametru referenzjarju ma għandu l-ebda sostitut jew ftit li xejn sostituti xierqa mmexxija mis-suq;

(b) fil-każ li l-parametru referenzjarju ma jibqax jiġi pprovdut, jew jiġi pprovdut abbażi ta' data tal-input li ma tibqax rappreżentattiva b'mod sħiħ tas-suq jew tar-realtà ekonomika sottostanti jew li ma tkunx affidabbli, ikun hemm impatti sinifikanti u avversi fuq l-integrità tas-suq, l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali, jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi u negozji fi Stat Membru wieħed jew aktar.

L-ESMA għandha, qabel id-deċiżjoni dwar id-dežinjazzjoni u mill-aktar fis possibbli, tinforma lill-amministratur tal-parametru referenzjarju bl-intenzjoni tagħha, u tistieden lil dak l-amministratur jipprovdi lill-ESMA fi żmien 15-il jum tax-xogħol dikjarazzjoni motivata li jkun fiha kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-finijiet tal-valutazzjoni relatata mad-dežinjazzjoni tal-parametru referenzjarju bħala sinifikanti.

Meta jkun applikabbli, l-ESMA għandha tistieden, mill-aktar fis possibbli, lill-awtorità kompetenti tal-ġuriżdizzjoni fejn jinsab l-amministratur biex tipprovdi kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-finijiet tal-valutazzjoni relatata mad-dežinjazzjoni tal-parametru referenzjarju.

L-ESMA għandha timmotiva kwalunkwe deċiżjoni dwar id-dežinjazzjoni, filwaqt li tqis jekk hemmx biżżejjed evidenza li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu huma ssodisfati, fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tal-parametru referenzjarju kkonċernat.

L-ESMA għandha tippubblika d-deċiżjoni

motivata tagħha fuq is-sit web tagħha u għandha tinnotifika lill-awtorità jew lill-awtoritajiet kompetenti rikjedenti mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-regolament, id-determinazzjoni ta' jekk parametru referenzjarju huwiex sinifikanti għandha tkun ibbażata biss fuq kriterji kwantitattivi.

Emenda 114
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-ESMA tista', fuq talba ta' awtorità kompetenti, tiddeżinja parametru referenzjarju pprovdut minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz li ma jissodisfax il-limitu stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (a), bħala sinifikanti meta dak il-parametru referenzjarju jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	6. L-ESMA tista', ***biss*** fuq talba ta' awtorità kompetenti, tiddeżinja parametru referenzjarju pprovdut minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz li ma jissodisfax il-limitu stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (a), bħala sinifikanti meta dak il-parametru referenzjarju jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

Or. en

Emenda 115
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-każ li l-parametru referenzjarju	(b) fil-każ li l-parametru referenzjarju

ma jibqax jiġi pprovdut, jew jiġi pprovdut abbażi ta' data tal-input li ma tibqax rappreżentattiva b'mod sħiħ tas-suq jew tar-realtà ekonomika sottostanti jew li ma tkunx affidabbli, ikun hemm impatti sinifikanti u avversi fuq ***l-integrità tas-suq,*** l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali, jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi u negozji ***fi Stat Membru wieħed jew aktar***.	ma jibqax jiġi pprovdut, jew jiġi pprovdut abbażi ta' data tal-input li ma tibqax rappreżentattiva b'mod sħiħ tas-suq jew tar-realtà ekonomika sottostanti jew li ma tkunx affidabbli, ikun hemm impatti sinifikanti u avversi fuq l-istabbiltà finanzjarja ***fl-Unjoni***, il-konsumaturi, l-ekonomija reali, jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi u negozji ***fl-Unjoni***.
	Or. en

Emenda 116
Dorien Rookmaker

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-amministraturi ta' parametri referenzjarji li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti biex jitqiesu bħala parametri referenzjarji ta' importanza kritika, sinifikanti, tal-komoditajiet soġġetti għall-Anness II, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE, Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi jew Parametri Referenzjarji tal-ESG jistgħu japplikaw volontarjament għal aċċess għar-reġistru previst fl-Artikolu 36 permezz ta' awtorizzazzjoni, rikonoxximent tar-reġistrazzjoni jew approvazzjoni. L-amministraturi li volontarjament jagħżlu li jipparteċipaw f'dan ir-Regolament għandhom jagħmlu dan, bil-miktub mal-awtorità superviżorja attwali tagħhom, għal kull parametru referenzjarju u kull wieħed minn dawk il-parametri referenzjarji għandu jitqies bħala parametru referenzjarju sinifikanti skont ir-Regolament (UE) 2016/1011. L-amministraturi ta' parametri referenzjarji li kienu awtorizzati, irreġistrati, approvati

jew rikonoxxuti fi ...[id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju] li volontarjament jagħżlu li jipparteċipaw fi żmien 6 xhur mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju, ma għandhomx ikunu obbligati li japplikaw mill-ġdid għall-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni, ir-rikonoxximent jew l-approvazzjoni.

Or. en

Emenda 117
Markus Ferber, Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. ***Il-Kummissjoni*** għandha ***tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 49 biex tispeċifika ulterjorment il-metodu*** ta' ***kalkolu li għandu jintuża*** biex ***jiġi ddeterminat il-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq, tal-prezzijiet u dawk regolatorji.***	7. ***L-ESMA*** għandha ***tiżviluppa abbozzi*** ta' ***standards tekniċi regolatorji*** biex ***tispeċifika:***
	(i) il-metodu ta' kalkolu, inklużi sorsi potenzjali ta' data, li għandhom jintużaw biex jiġi ddeterminat il-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu;
	(ii) il-kriterji biex jiġi vvalutat meta parametru referenzjarju jaqbeż il-limitu msemmi fl-Artikolu 24(1), il-punt (a), fi Stat Membru wieħed jew madwar l-Unjoni;
	L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
	Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li

tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex l-amministraturi tal-parametri referenzjarji jimmonitorjaw kif xieraq l-użu tal-parametri referenzjarji li jipprovdu u jekk il-livell limitu jintlaħaqx, l-ESMA għandha tingħata l-kompitu li tipprovdi abbozz ta' standards regolatorji biex tispeċifika aktar il-metodu ta' kalkolu.

Emenda 118
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Fi żmien 60 jum tax-xogħol wara dożinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 24(3), l-amministratur tal-parametru referenzjarju kkonċernat, sakemm dak l-amministratur ma jkunx diġà awtorizzat jew irreġistrat, għandu jfittex awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni mal-awtorità kompetenti dożinjanti f'konformità mal-Artikolu 34.	(2) Fi żmien 60 jum tax-xogħol wara dożinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 24(3), l-amministratur tal-parametru referenzjarju kkonċernat, sakemm dak l-amministratur ma jkunx diġà awtorizzat jew irreġistrat ***minn awtorità nazzjonali kompetenti***, għandu jfittex awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni mal-awtorità kompetenti dożinjanti f'konformità mal-Artikolu 34.

Or. en

Emenda 119
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 24a – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) approvazzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 33.	(b) approvazzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 33. ***L-amministratur tal-parametru referenzjarju ta' pajjiż terz għandu jagħżel l-entità tal-approvazzjoni fl-Unjoni.***

Or. en

Emenda 120
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt a
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 29 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Użu ta' parametri referenzjarji sinifikanti, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi;	Użu ta' ***parametri referenzjarji ta' importanza kritika,*** parametri referenzjarji sinifikanti, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi;

Or. en

Emenda 121
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Entità taħt superviżjoni ma għandhiex iżżid referenzi ġodda għal parametru referenzjarju sinifikanti jew kombinazzjoni ta' tali parametri referenzjarji fl-Unjoni meta dak il-	1. Entità taħt superviżjoni ma għandhiex iżżid referenzi ġodda għal parametru referenzjarju sinifikanti jew kombinazzjoni ta' tali parametri referenzjarji fl-Unjoni meta dak il-

parametru referenzjarju jew kombinazzjoni ta' parametri referenzjarji tkun is-suġġett ta' avviż pubbliku maħruġ mill-ESMA jew minn awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 24a(5). Entità taħt superviżjoni ma għandhiex iżżid referenzi ġodda għal Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew għal Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi jew kombinazzjoni ta' tali parametri referenzjarji fl-Unjoni meta l-amministratur ta' dawk il-parametri referenzjarji ma jkunx inkluż fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 36.	parametru referenzjarju jew kombinazzjoni ta' parametri referenzjarji tkun is-suġġett ta' avviż pubbliku maħruġ mill-ESMA jew minn awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 24a(5). Entità taħt superviżjoni ma għandhiex iżżid referenzi ġodda għal ***parametri referenzjarji ta' importanza kritika jew*** Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew għal Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi jew kombinazzjoni ta' tali parametri referenzjarji fl-Unjoni meta l-amministratur ta' dawk il-parametri referenzjarji ma jkunx inkluż fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 36.

Or. en

Emenda 122
Irene Tinagli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt c − parti introduttorja
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiddaħħal paragrafu 1***a*** ġdid:	(c) jiddaħħal paragrafu 1***b*** ġdid:

Or. en

Emenda 123
Dorien Rookmaker

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt c
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. Entità taħt superviżjoni li tuża parametru referenzjarju f'kuntratti	***1b.*** Entità taħt superviżjoni li tuża parametru referenzjarju f'kuntratti

finanzjarji jew fi strumenti finanzjarji eżistenti li huwa soġġett għal avviż pubbliku skont l-Artikolu 24a(5) għandha tissostitwixxi dak il-parametru referenzjarju b'alternattiva xierqa fi żmien ***6 xhur*** wara l-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż, jew ***toħroġ u tippubblika dikjarazzjoni fuq is-sit web tagħha li tinforma lill-klijenti dwar in-nuqqas ta' alternattiva xierqa***.;	finanzjarji jew fi strumenti finanzjarji eżistenti li huwa soġġett għal avviż pubbliku skont l-Artikolu 24a(5) għandha tissostitwixxi dak il-parametru referenzjarju b'alternattiva xierqa fi żmien ***12-il xahar*** wara l-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż, jew ***tipprovdi spjegazzjoni motivata għaliex ma tkunx tista' tagħmel dan***.;

Or. en

Emenda 124
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt c
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. Entità taħt superviżjoni li tuża parametru referenzjarju f'kuntratti finanzjarji jew ***fi*** strumenti finanzjarji ***eżistenti*** li huwa soġġett għal avviż pubbliku skont l-Artikolu 24a(5) għandha tissostitwixxi dak il-parametru referenzjarju b'alternattiva xierqa fi żmien 6 xhur wara l-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż, jew toħroġ u tippubblika dikjarazzjoni fuq is-sit web tagħha li tinforma lill-klijenti dwar in-nuqqas ta' alternattiva xierqa.;	***1b.*** Entità taħt superviżjoni li tuża parametru referenzjarju f'kuntratti finanzjarji ***eżistenti*** jew ***biex tkejjel il-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment jew*** strumenti finanzjarji li huwa soġġett għal avviż pubbliku skont l-Artikolu 24a(5) għandha tissostitwixxi dak il-parametru referenzjarju b'alternattiva xierqa fi żmien 6 xhur wara l-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż, jew toħroġ u tippubblika dikjarazzjoni fuq is-sit web tagħha li tinforma lill-klijenti dwar in-nuqqas ta' alternattiva xierqa.;

Or. en

Emenda 125
Irene Tinagli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt c

Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. Entità taħt superviżjoni li tuża parametru referenzjarju f'kuntratti finanzjarji jew fi strumenti finanzjarji eżistenti li huwa soġġett għal avviż pubbliku skont l-Artikolu 24a(5) għandha tissostitwixxi dak il-parametru referenzjarju b'alternattiva xierqa fi żmien 6 xhur wara l-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż, jew toħroġ u tippubblika dikjarazzjoni fuq is-sit web tagħha li tinforma lill-klijenti dwar in-nuqqas ta' alternattiva xierqa.;	***1b.*** Entità taħt superviżjoni li tuża parametru referenzjarju f'kuntratti finanzjarji jew fi strumenti finanzjarji eżistenti ***jew biex tkejjel il-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment,*** li huwa soġġett għal avviż pubbliku skont l-Artikolu 24a(5) għandha tissostitwixxi dak il-parametru referenzjarju b'alternattiva xierqa fi żmien 6 xhur wara l-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż, jew toħroġ u tippubblika dikjarazzjoni fuq is-sit web tagħha li tinforma lill-klijenti dwar in-nuqqas ta' alternattiva xierqa.;

Or. en

Emenda 126
Dorien Rookmaker

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 1 ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1ba. Il-projbizzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għal dan li ġej:
	(a) il-ġenerazzjoni tas-suq b'appoġġ għall-attività tal-klijent relatata mat-tranżazzjonijiet eżegwiti qabel id-data effettiva tal-projbizzjoni;
	(b) it-tranżazzjonijiet jew attivitajiet oħra li jnaqqsu jew jiħħeġġjaw l-iskopertura tal-entità taħt superviżjoni jew ta' kwalunkwe klijent tal-entità taħt superviżjoni għall-parametru referenzjarju pprojbit;
	(c) in-novazzjonijiet tat-tranżazzjonijiet;
	(d) it-tranżazzjonijiet eżegwiti għall-

finijiet ta' parteċipazzjoni fi proċedura ta' rkant ta' kontroparti ċentrali fil-każ ta' inadempjenza ta' membru, inklużi tranżazzjonijiet biex tiġi ħħeġġjata l-iskopertura li tirriżulta;
(e) l-interpolazzjoni jew użu ieħor previst f'arranġamenti kuntrattwali ta' riżerva b'rabta mal-parametru referenzjarju pprojbit.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żmien ta' 6 xhur mhuwiex suffiċjenti biex entità taħt superviżjoni tistabbilixxi u timplimenta b'mod xieraq rata alternattiva. It-tranżizzjoni tista' tkun proċess kumpless.

Emenda 127
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ca) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:
2. Meta l-oġġett ta' prospett li jrid jiġi ppubblikat skont id-Direttiva 2003/71/KE jew id-Direttiva 2009/65/KE jkun titoli trasferibbli jew prodotti ta' investiment ***ieħor*** li jirreferenzjaw parametru referenzjarju, l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob ammissjoni għal kummerċ f'suq regolat ***għandhom jiżguraw*** li ***l-prospett jinkludi wkoll informazzjoni ċara u prominenti li tiddikjara jekk parametru referenzjarju huwiex fornut minn amministratur inkluż fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament***.	2. Meta l-oġġett ta' prospett li jrid jiġi ppubblikat skont id-Direttiva 2003/71/KE jew id-Direttiva 2009/65/KE jkun titoli trasferibbli jew prodotti ta' investiment ***oħra*** li jirreferenzjaw parametru referenzjarju, l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob ammissjoni għal kummerċ f'suq regolat ***għandhom jiżguraw*** li ***meta l-avviż pubbliku tal-parametru referenzjarju użat ikun inkluż fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament, il-prospett jinkludi wkoll din l-informazzjoni b'mod ċar u prominenti fi żmien 6 xhur wara l-pubblikazzjoni tal-avviż pubbliku***.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02016R1011-20240109)

Emenda 128
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 1ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	1ba. Entità taħt superviżjoni tista' tuża parametru referenzjarju u tiddikjara, fid-dokumentazzjoni legali jew ta' kummerċjalizzazzjoni tagħha, jew fid-denominazzjoni, li tqis il-fatturi ESG fil-metodoloġija tagħha, biss meta l-amministratur tagħha jiddivulga l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(1), il-punt (d), u fl-Artikolu 27(2a). Ir-rekwiżiti kollha ta' divulgazzjoni tal-metodoloġija jridu jkunu koerenti mar-Regolament (UE) 2019/2088, id-Direttiva 2011/61/UE u d-Direttiva 2009/65/KE. Dan il-paragrafu għandu japplika kemm għall-parametri referenzjarji tal-UE kif ukoll għal dawk mhux tal-UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-allinjament tad-divulgazzjonijiet ESG obbligatorji tal-Parametri Referenzjarji tal-ESG mad-divulgazzjonijiet regolatorji tal-UE għall-prodotti finanzjarji (SFDR) u bejn ir-rekwiżiti tal-ismijiet tal-Parametri Referenzjarji mar-rekwiżiti tal-ismijiet tal-fondi, speċjalment għall-ETFs (li l-ismijiet tagħhom jirreplikaw dawk tal-indiċijiet sottostanti tagħhom) (UCITSD u AIFMD) huwa essenzjali.

Emenda 129
Irene Tinagli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt ca (ġdid)

Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ca) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:
2. Meta l-oġġett ta' prospett li jrid jiġi ppubblikat skont id-Direttiva 2003/71/KE jew id-Direttiva 2009/65/KE jkun titoli trasferibbli jew prodotti ta' investiment ***ieħor*** li jirreferenzjaw parametru referenzjarju, l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob ammissjoni għal kummerċ f'suq regolat ***għandhom jiżguraw*** li l-prospett jinkludi wkoll informazzjoni ċara u prominenti li tiddikjara jekk ***parametru referenzjarju huwiex fornut minn amministratur*** inkluż fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament.	2. Meta l-oġġett ta' prospett li jrid jiġi ppubblikat skont id-Direttiva 2003/71/KE jew id-Direttiva 2009/65/KE jkun titoli trasferibbli jew prodotti ta' investiment ***oħra*** li jirreferenzjaw parametru referenzjarju, l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob ammissjoni għal kummerċ f'suq regolat ***għandhom jiżguraw*** li l-prospett jinkludi wkoll informazzjoni ċara u prominenti li tiddikjara jekk ***avviż pubbliku tal-parametru referenzjarju użat huwiex*** inkluż fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament***, fi żmien 6 xhur wara l-pubblikazzjoni tal-avviż pubbliku***.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02016R1011-20240109)

Emenda 130
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(17a) fl-Artikolu 40(1), l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:
1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament l-ESMA għandha tkun l-awtorità kompetenti għal:	***"1.*** Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament l-ESMA għandha tkun l-awtorità kompetenti għal:
(a) amministraturi ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika kif imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 20(1);	(a) amministraturi ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika kif imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 20(1);

(b) amministraturi tal-parametri referenzjarji msemmija fl-Artikolu 32**.**	(b) amministraturi tal-parametri referenzjarji msemmija fl-Artikolu 32***;***
	(c) amministraturi tal-parametri referenzjarji li huma sinifikanti fl-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 24(1), (2), (5) u (6);
	(d) amministraturi li japprovaw parametri referenzjarji pprovduti f'pajjiż terz skont l-Artikolu 33;
	(e) amministraturi ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u ta' Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi kif imsemmi fl-Artikolu 3(23a) u (23b).
	"

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02016R1011-20240109)

Ġustifikazzjoni

L-ESMA għandha tkun responsabbli wkoll għas-superviżjoni tal-amministraturi kollha tal-Parametri Referenzjarji sinifikanti u tal-amministraturi tal-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u ta' Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi

Emenda 131
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17b (ġdid)
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17b) fl-Artikolu 40(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	L-amministraturi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1 jistgħu madankollu jagħżlu l-ESMA biex tkun l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tagħhom.

Emenda 132
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 51 – paragrafu 4c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4c. L-awtoritajiet kompetenti ***u l-ESMA għandhom jiżguraw li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji*** li ***kienu awtorizzati, irreġistrati, approvati jew rikonoxxuti fi [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju] jistgħu jibbenefikaw minn proċedura simplifikata meta japplikaw għar-reġistrazzjoni, għar-rikonoxximent, jew għall-approvazzjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 24a(1), (2), jew (3), kif applikabbli, sa … [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data*** tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***emendatorju + sentejn]";***	4c. L-awtoritajiet ***nazzjonali*** kompetenti ***li biħsiebhom jiddiżinjaw parametru referenzjarju pprovdut minn amministratur*** li ***kien inkluż fir-reġistru tal-ESMA fi ...[id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju nieqes jum wieħed] jew l-ESMA li biħsiebha tiddiżinja parametru referenzjarju li kien inkluż fir-reġistru tal-ESMA jew li l-amministratur tiegħu kien inkluż fir-reġistru tal-ESMA fi ...[id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju nieqes jum wieħed] għandu jagħmel dan sa... [12-il xahar mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju].*** ***L-amministraturi ta' parametri referenzjarji li kienu awtorizzati, irreġistrati, approvati jew rikonoxxuti fi ...[id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju] għandhom iżommu dan l-istatus għal 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju. Meta wieħed jew aktar mill-parametri referenzjarji tagħhom huma ddiżinjati sa... [fi żmien 12-il xahar wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-amministraturi ddiżinjati ma għandhomx ikunu obbligati japplikaw mill-ġdid għar-reġistrazzjoni, għar-rikonoxximent, jew għall-approvazzjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 24a(1), (2), jew (3), kif applikabbli.***

L-amministraturi ta' parametri referenzjarji sinifikanti li ġew awtorizzati, irreġistrati, approvati jew rikonoxxuti fi ...[id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju] ma għandhomx ikunu obbligati japplikaw mill-ġdid għall-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni, ir-rikonoxximent jew l-approvazzjoni skont l-Artikolu 24a(1) meta parametru referenzjarju wieħed jew aktar tagħhom ikunu sinifikanti skont l-Artikolu 24(1)(a).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit li amministraturi eżistenti japplikaw mill-ġdid jista' jirriżulta f'piżijiet u spejjeż amministrattivi bla bżonn. Billi jitħallew ikomplu joperaw skont il-BMR emendat, tali ineffiċjenzi jistgħu jiġu evitati.

Emenda 133
Dorien Rookmaker

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 51 – paragrafu 4c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4c. L-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandhom jiżguraw li ***l-amministraturi*** ta' ***parametri*** referenzjarji li ***kienu awtorizzati***, ***irreġistrati***, ***approvati*** jew ***rikonoxxuti fi*** [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju] jistgħu jibbenefikaw minn proċedura simplifikata meta japplikaw għar-reġistrazzjoni, għar-rikonoxximent, jew għall-approvazzjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 24a(1), (2), jew (3), kif applikabbli, sa … [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju + ***sentejn];***	4c. L-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandhom jiżguraw li ***amministratur ta' parametru referenzjarju li kien awtorizzat, irreġistrat, approvat jew rikonoxxut minn awtorità kompetenti skont dan ir-Regolament qabel [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tal-applikazzjoni*** ta' ***dan ir-Regolament emendatorju] għandu jżomm tali status skont dan ir-Regolament meta wieħed jew aktar mill-parametri*** referenzjarji ***ta' dak l-amministratur jaqbżu l-limitu ta' parametru referenzjarju sinifikanti msemmi fl-Artikolu 24 jew tali amministratur jagħżel volontarjament*** li

jżomm tali awtorizzazzjoni, reġistrazzjoni, approvazzjoni jew rikonoxximent skont dan ir-Regolament. L-amministraturi ta' parametri referenzjarji b'awtorizzazzjoni, ***reġistrazzjoni***, ***approvazzjoni*** jew ***rikonoxximent eżistenti qabel*** [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju] ***li jamministraw parametru referenzjarju wieħed jew aktar li jaqbżu l-limitu ta' parametru referenzjarju sinifikanti msemmi fl-Artikolu 24 jew li jagħżlu li jżommu tali awtorizzazzjoni, reġistrazzjoni, approvazzjoni jew rikonoxximent fuq bażi volontarja ma għandhomx ikunu meħtieġa japplikaw mill-ġdid għal awtorizzazzjoni, reġistrazzjoni, approvazzjoni jew rikonoxximent, kif xieraq, skont dan ir-Regolament abbażi tal-kamp ta' applikazzjoni rivedut tiegħu, u*** jistgħu jibbenefikaw minn proċedura simplifikata meta japplikaw għar-reġistrazzjoni, għar-rikonoxximent, jew għall-approvazzjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 24a(1), (2), jew (3), kif applikabbli, sa … [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju + ***sentejn]"***

Or. en

Emenda 134
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) 2016/1011
Artikolu 51 – paragrafu 4c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4c. L-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandhom jiżguraw li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji li ***kienu awtorizzati,*** irreġistrati, approvati jew rikonoxxuti fi [PO jekk jogħġbok	4c. L-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandhom jiżguraw li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji li ***ma jkunux aktar*** irreġistrati, approvati jew rikonoxxuti ***b'riżultat tad-dhul fis-seħħ ta'***

daħħal id-data = id-data tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament emendatorju] jistgħu jibbenefikaw minn proċedura simplifikata meta japplikaw għar-reġistrazzjoni, għar-rikonoxximent, jew għall-approvazzjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 24a(1), (2), jew (3), kif applikabbli, sa … [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament emendatorju + sentejn];	***[dan ir-Regolament emendatorju]*** fi [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament emendatorju] jistgħu jibbenefikaw minn proċedura simplifikata meta japplikaw għar-reġistrazzjoni, għar-rikonoxximent, jew għall-approvazzjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 24a(1), (2), jew (3), kif applikabbli, sa … [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament emendatorju + sentejn];

Or. en